MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Avviz Numru. 371/2012

**Anthony sive Tonio Wismayer, Amber Wismayer**

**u Kurt Wismayer**

**vs**

**Desmond Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-atturi pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-2 ta’ Novembru 2012 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma komplessiva ta’ disat elef, mija u wiehed ewro (€9,101) rapprezentanti arretrati ta’ kontijiet ta’ dawl u ilma u hlas tal-metres tal-fond 16 ‘Brancote’, Fuq il-Gonna, Swieqi SWQ 3522, mikri lill-konvenut u hsarat riskontrati fl-imsemmi fond u bilanc ta’ kera tal-istess fond ghall-perjodu mill-1 sat-13 ta’ Ottubru 2012.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Ottubru 2012 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 2922/2012 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz kontra l-konvenut.

Huwa ngunt personalment in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Desmond Falzon li giet prezentata fir-Registru tal-Qorti nhar l-4 ta’ Dicembru 2012 fejn eccepixxa:

1. *“Illi l-esponenti jirrispingi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tieghu bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ebda ammont m’huwa dovut;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi lill-atturi sabiex jippruvaw li l-ammont pretiz minnhom huwa dovut u ghalhekk f’dan l-istadju l-ammont pretiz huwa wkoll ikkontestat.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”*

Rat l-affidavit tal-attur **Anthony sive Tonio Wismayer** li gie pprezentat fis-16 ta' Jannar 2013 fejn fih iddikjara li d-dar "Brancote", Upper Gardens, San Giljan, hija proprjeta' ta' uliedu Amber u Kurt ahwa Wismayer soggetta ghall-uzufrutt tal-attur (Dok A).

L-attur kien kera d-dar lill-konvenut Desmond Falzon ghal perjodu ta' sena. Huma kienu ffirmaw skrittura privata fit-13 ta' Novembru 2004. Il-kera kienet ta' Lm300 fix-xahar (Dok B). Id-dar kienet "fully furnished" bl-appliances, linen, twapet, light fittings and fixtures. Fl-gheluq tas-sena il-konvenut xtaq igedded u din il-kirja baqghet tiggedded sena wara ohra taht l-istess kundizzjonijiet. Din il-villa kienet ghadha f'kundizzjoni tajba fis-sena 2009. Filfatt l-attur spjega li l-Perit Godwin P. Abela li kien qed jizviluppa s-sit adjacenti tieghu kien acceda fuq il-post fl-24 ta' Awwissu 2009 u hejja "conditional report" tal-villa in kwistjoni (Dok C).

L-attur spjega li fil-bidu Desmond Falzon kien joqghod hu fid-dar mikrija. Wara xi snin Falzon talab lill-attur jekk setax jospita xi student jew tnejn id-dar. L-attur tah il-kunsens tieghu basta jzommlu d-dar f'kundizzjoni tajba. Lejn it-terminazzjoni finali tal-kirja, huwa beda jinduna illi l-konvenut kien qed jalloggja hafna studenti u li kien prattikament ikkonverta l-villa f'*youth hostel*. Din kienet wahda mir-ragunijiet il-ghaliex huwa irrifjuta li jkompli jgeddidlu l-kirja. Fis-sena 2011 meta t-tfal tal-attur bdew jiehdu hsieb il-gbir tar-renta u l-attur kien dahal maghhom fil-villa, innota li Falzon kien zied il-kmamar tas-sodda u meta rrimarkalu ghal dan, il-konvenut wiegbu biex ma jinkwieta xejn u assigurah li meta jitlaq huwa jirriverti l-villa ghal kif kienet qabel.

L-attur sostna li maz-zmien id-dar spiccat burdell u ghalhekk iddecieda li jittermina l-kirja. Filfatt il-kirja giet terminata fit-13 ta' Ottubru 2012 meta l-attur ottjena c-cwievet bl-assistenza tal-Pulizija. L-attur specifika li l-konvenut baghat ic-cwievet mat-tfal tieghu u filfatt tah sett wiehed minn tnejn u dan is-sett kellu c-cavetta tal-letter box nieqsa. Dana sehh wara hafna theddid.

L-attur fl-affidavit tieghu kompla jghid li meta kellu c-cwievet f'idu, bl-assistenza tal-Pulizija u fil-presenza ta' ulied il-konvenut, mar fil-villa jiehu r-reading tal-konsum tad-dawl u l-ilma.  Sussegwentement meta mar ghall-kont ghand l-ARMS Ltd sab li l-konvenut kien halla kont pendenti ta' €4,442.68 (Dok D).

Qal li meta ha l-pussess tad-dar u dahal huwa sab stragi shiha. Il-konvenut kien dawwar id-dar billi kkonverta l-kmamar kollha apparti l-kcina u l-kmamar tal-banju fi kmamar tas-sodda. Is-*sitting room* giet maqsuma f'zewg kmamar tas-sodda separati billi bena hajt divizorju. Il-*washroom* ukoll ikkonvertiha f'kamra tas-sodda. L-attur sostna li fil-gnien ukoll nbniet karma tas-sodda wara li l-konvenut qaccat sigra sabiha u antika tal-lumi, ghamel platform tal-konkos u bena *shed*. Il-konvenut zebah il-kmamar kollha b'kuluri differenti u anki zebah b'kulur oxxen il-kancell tal-hadid li jissepara l-kcina mil-*living room*.

L-attur inkariga lil Mario Abela fejn zammlu ta' xoghlu sittin ewro (€60) ghal kiri ta' skip (Dok E) u s-somma ta' erba' mija u tlettax (€413) ghat-tnehhija tal-hitan divizorji, ghat-tnehhija tal-platform tal-konkos li Falzon pogga fil-gnien biex jaghmel shed bhala kamra tas-sodda ohra u ghal xi plastering (Dok F). L-attur sostna li biex zeba l-post kollu u gabu kif kien qabel huwa nefaq is-somma ta' tlett elef, disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€3,945) kif jidher mic-certifikat rilaxxjat mill-Perit Godwin P. Abela (Dok G).

L-ahhar kera li l-konvenut kien hallas kienet tkopri sal-ahhar ta' Settembru 2012. Ghalhekk l-konvenut baqaghlu jhallas kera ta' tlettax-il gurnata u cioe' mill-1 sat-13 ta' Ottubru 2012 li tammonta ghal €299.

Huwa ddikjara li sab hafna affarijiet neqsin fil-villa fosthom zewg sodod "double bed" u s-saqqu taghhom, bieb divizorju, three seater sofa, garden chairs u sistema tas-satellita. Huwa kellu jibdel il-lock tal-bieb ta' barra peress li l-konvenut tah biss sett wiehed ta' cwievet mit-tnejn li kellu. Il-forn ukoll ma kienx jiffunzjona u kellu toqba kbira. L-attur irrizerva li jirreklama dawn il-hsarat f'gudizzju separat.

**Audrey Ellul** xehdet fis-16 ta' Jannar 2013 fejn iddikjarat li hi tahdem mas-socjeta' ARMS Limited, u xehdet ghan-nom u in rapprezentanza taghhom. Ix-xhud giet mitluba sabiex taghti rendikont dwar l-arretrati fuq il-kont numru 101000246674 liema kont jghajjat lill-font Broncate 16, Fuq il-Gonna, Swieqi. Hija esebiet statement fejn turi li hemm arretrati ghas-somma ta' €4,590 liema statement esebietu u gie mmarkat mill-Qorti bhala AE. Hija stqarret li ilu ma jsir pagament fuqu mit-2 ta' April 2012. Naturalment dan huwa l-konsum u l-kirjiet tal-istess meter.

**Il-Perit Godwin Abela** xehed fl-20 ta' Marzu 2013 fejn gie muri dokument immarkat bhala Dok. C u li jinsab inserit fl-atti a fol 21. Huwa kkonferma li dan ic-certifikat gie mahrug minnu u jissejjah Condition Report li l-Perit kien obbligat li jaghmel qabel ma beda dan l-izvilupp fil-propjeta' tieghu stess, propjeta' adjacenti mas-site ta' Mr Wismayer. Fil-fatt ix-xhud ikkonferma li kien ra z-zewg

siti ta' fuq kull naha tal-propjeta' tieghu, u effettivament kien ta dan il-Condition Report lill-*insurers* biex ikollu prova dwar l-istat tas-sit in kwistjoni f'kaz ta' problemi fil-bini tal-kostruzzjoni.

Il-Perit spjega li x-xoghlijiet kienu jinkludu l-iskavar u kostruzzjoni mill-gdid. Wara li spicca mill-iskavar il-Perit jaf li kien hemm ilment mis-Sur Falzon fejn kien allega li kienu zviluppawlu xi konsenturi fit-tieni sular. Huwa effettivament dahal biex jispezzjona u rrizultalu li verament kien hemm konsenturi u l-Perit kien baghtlu in-nies sabiex jirrangawlu dawn il-hsarat fi zmien qasir, liema xoghlijiet kienu jinkludu tiswijiet ta' dawn il-konsenturi u zebgha mill-gdid. Mistoqsi ghaliex l-ilment kien sar mis-sur Falzon wiegeb li dak iz-zmien kien jghix fil-post is-Sur Falzon.

Ix-xhud spjega wkoll li kien hemm xi kwistjoni zghira dwar il-fencing li huwa kien ghamel madwar is-sit tieghu ghax dan kien imwahhal mal-hajt tal-*front garden* tas-sur Falzon. Imma l-hajt kien komuni bejniethom. Il-Perit qal li darba minnhom kien hemm rih qawwi u dan il-fencing ingibed u ghal darba ohra kien hemm xi hsarat li kien sewwihom huwa stess. Huwa gie muri dokument immarkat bhala Dokument G a fol 46 u stqarr li dan ukoll huwa certifikat mahrug minnu, u kien gie nkarigat mis-sur Wismayer biex jaghtih stima tar-*repainting works* li kellu bzonn. Huwa dahal diversi drabi f'dan il-post tas-Sur Wismayer u kkonferma li kien hemm bzonn li jinzeghbah ghax kien qed jinzamm b'mod traskurat. Filfatt kien hemm diversi hitan ta' kuluri differenti u mhux bojod u kien hemm ambjenti differenti. Mistoqsi jekk rax xi *partitions* qal li ma jiftakarx dan. Filfatt jiftakar li Tonio Wismayer kien qallu li hu kien nehha xi *partitions* li kienu saru u kkonferma li kien hemm bzonn refurbishing sostanzjali.

**Amber Wismayer** xehdet fl-24 ta’ April 2013 fejn iddikjarat li tigi bint l-attur u tahdem bhala perit. Hija taf li l-proprjeta’ in kwistjoni mertu tal-kawza u cioe’ Brancote, 16, Fuq il-Gonna, Swieqi kien mikri lill-konvenut u qabel ma kien mikri kien jghix fih missierha stess xi tmien snin ilu. Hija qalet li meta kien jghix missierha fih, il-font kien f’kundizzjoni tajba. Hija tahseb li Desmond Falzon dam jokkupa dan il-font xi tmien snin u meta telaq mill-font hija dahlet go fih.

Hija ddikjarat li l-font kien mizmum hazin hafna tant li kienu anke gew mibnija xi partition walls gol-font stess biex jikri kmamar possibilment ghal studenti. Il-kmamar kienu gew mizbugha kuluri differenti, id-dar kienet f’kundizzjoni hafna hazina ghax minkejja li kienet mahmuga, kien hemm affarijiet imkissrin kullimkien. Fil-fatt bena *shed* fil-gnien u kien bena sodda tal-konkrit u l-hitan ta’ din is-*shed* kienu kollha tal-materjal differenti bhal injam u perspex u biex huwa bena dan is-shed huwa kellu jnehhi sigra. Imbaghad zebgha l-hitan ta’ go fiha kulur isfar. In segwitu missierha kellu jnehhi dawn il-partition walls li kienu gew mibnija mis-sur Falzon. Naturalment biex sar hekk kellu jinkera wkoll skip. Id-dar kollha kellha ukoll tigi mizbugha mill-gdid biex igibha kulur wiehed u pulita u nehha s-*shed* li kienet giet kostruita. Huwa kellu jixtri wkoll ghamara gdida sabiex jibdel li s-sur Falzon kien kiser fosthom il-kcina. Filfatt kien nehha l-kcina kollha. Kien hemm parti mill-rod iron tal-balavostri kienet miksura. Hemm ukoll kont tal-ilma u elettriku li s-sur Falzon ghadu ma hallasx. Hija taf ukoll li ghandu jaghti parti mill-kera tal-ahhar xahar li kien qed jirresjedi fil-font.

In kontro-ezami hija qalet li ma kinitx prezenti meta effettivament saret il-kirja originali lis-sur Falzon. Meta effettivament is-sur Falzon ivvaka l-font huwa ma kienx prezenti, huwa kien baghat is-subien tieghu. Hija tiftakar li qabel ma kien telaq mill-font is-sur Falzon, huma kienu baghtulu ittra legali. Ix-xhud esebiet

kopja ta’ din l-ittra li l-Qorti mmarkat bhala dokument Z. Din l-ittra hija datata 11 ta’ Settembru 2012 u kienet giet mibghuta minnha stess. Hija spjegat li l-hitan in kwistjoni li tkellmet dwarhom kienu tal-bricks. Dak li nbena fil-ground floor kien tal-bricks u fit-tieni sular kien bic-chipboard il-hitan divizorji. Ix-xhud iddikjarat li qabel ma dahlet hi, kien hemm ukoll il-Perit Godwin Abela li dahal fil-font u kien irrilaxxa l-condition report.

Rat l-affidavit ta’ **Desmond Falzon** li gie pprezentat fil-15 ta’ Mejju 2013 fejn iddikjara li fit-13 ta’ Novembru 2004 huwa kien kera d-dar ‘Brancote’, Upper Gardens, San Giljan minghand Anthony Wismayer ghall-prezz ta’ Lm300 fix-xahar. Il-kirja kienet ghal zmien sena pero’ hu baqa’ aktar bil-kunsens tal-attur. Pero’ wara l-ewwel kuntratt, qatt ma regghu ffirmaw kuntratt ta’ kiri ohra. Huwa jaf li kien iffirma xi dokument li kellu x’jaqsam mal-fatt li issa wlied Anthony Wismayer kienu ser jibdew jiehdu l-kera.

Il-konvenut sostna li ghalkemm id-dar kellha tkun *furnished*, huwa kellu jixtri cutlery, twapet, biancheria u purtieri ghax kollox kien spiccut. Huwa nefaq is-somma ta’ hames mija u hamsin ewro (€550) fuq twapet, lozor tax-xitwa u s-sajf u quilts ghax dak li sab fil-villa ma kinux tajbin ghall-uzu. Huwa kellu jixtri wkoll xi saqqijiet ghax li kien hemm kienu bil-wire hiereg. Huwa jiftakar li kien hemm 3 double-beds li hu ma kellux uzu ghalihom u lanqas setghu jintuzaw ghax kienu spiccuti u ghalhekk saqsa lill-attur jekk riedhomx. L-attur ha tnejn minnhom filwaqt li l-ohra qal li kienet spiccuta u qallu biex jarmiha u filfatt hekk ghamel il-konvenut.

Il-konvenut stqarr illi wara sena hasel il-purtieri u dawn gew bicciet ghax kienu spiccuti biz-zmien. Meta l-konvenut qal lill-attur b’dan u urihomlu wiegbu “int

ghax hsilthom?”. Il-konvenut kien wiegbu li ma setax ihallihom bit-trab ghax kienu ilhom ma jinhaslu. Kif qallu hekk l-attur wiegbu “jekk trid ghamilhom int il-purtieri ghax jien mhux ser inhallas ghalihom”. Ghalhekk kellu jaghmilhom hu. Filfatt huwa ghamel 3 pari purtieri ghall-kmamar tal-banju u l-ispare toilet li swewlu hamsa u sebghin ewro (€75)-il wahda u tliet pari ghall-kmamar tas-sodda li swewlu erba’ mija u hamsin ewro (€450).

Barra minn hekk ic-cwievet tal-*gates* ta’ barra ma kinux jaghlqu u jifthu, l-*intercom* ma kienx jahdem, il-*washing machine* marret u gablu ohra wara sitt xhur tant li kellu jissellef wahda minghand ommu, kien hemm erba’ air conditioners li minnhom wiehed biss kien jahdem sakemm dam jghix hemm tant li Anthony Wismayer stess li qallu biex jarmi tnejn minnhom filwaqt li l-ahhar wiehed qalghu u ramih l-attur stess. Huwa kellu fridge u freezer li marru u dam gimgha biex hadlu ohra, minkejja li kien jaf li kellu lill-uliedu jghixu mieghu apparti l-istudenti. Spjega li kien hemm ukoll problemi kbar fis-soqfa tad-dar tant li kellu jaghmel hafna manutenzjoni fihom. Fid-dar kien hemm ukoll neqsin tliet bibien, inkluz il-bieb tal-kamra tas-sodda tieghu li ghamlu hu minn butu li swielu mitejn u hamsa u sebghin ewro (€275) u kien hadu lura meta tkecca mid-dar.  Il-bieb tal-bejt u tieqa kbira li swewlu mija u erbgha u hamsin ewro (€154). Il-cooker hood xtrah minn butu ghal mija u hamsa u ghoxrin ewro (€125) u hallieh hemm. Il-forn xtrawh nofs bin-nofs u baqa’ fil-post ukoll. Il-konvenut xtara wkoll kitla tal-elettriku ghall-ammont ta’ hamsa u sittin ewro (€65) u toaster ghall-ammont ta’ hamsa u hamsin ewro (€55). Il-madum tant kien hazin u jiccaqlaq li gieli weggghu saqajhom mieghu fis-sajf u kellu studenti li wegghu u qatghu saqajhom ukoll minhabba f’hekk.

Il-konvenut tenna dan kollu ghax id-dar kellha tkun furnished minn kollox u fi stat tajjeb izda sahansitra kellu jixtri wkoll il-cutlery u l-borom ghax kienu mahruqin u meta qallu dwarhom, l-unika risposta li ha kienet li jekk ma joghgbux seta' jitlaq. Il-konvenut sostna li kien hu li gab il-post fi stat tajjeb bil-flus li hareg biex jirrangaha. Barra minn hekk l-attur kien jaghmel diversi xhur jghix gewwa l-Amerka u ghalhekk dawk ix-xoghlijiet li suppost ihallas ghalihom hu ma kienx jaghmilhom. Fost ohrajn l-konvenut semma *fuse box* gdida li kellu jaghmel minn butu.

Huwa jiftakar li fis-sena 2009, il-Perit Godwin Abela li joqghod ezatt hdejn il-fond li kien qed jikri, kien mar fl-istess dar biex jara xi hsarat saru bil-bini li kien ghadu kif tela' u li hu proprjeta' tal-istess Perit. Filfatt kien hemm xi konsenturi li zviluppaw fil-font mikri lilu u l-istess Perit baghat in-nies biex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet.

Il-konvenut ippreciza illi qabel beda jgib l-istudenti fil-font huwa kiseb permess minghand l-attur xi gimghatejn wara li mar jghix hemm. Dan il-permess kellu bzonnu bil-miktub ghall-awtoritajiet necessarji biex ikun jista' jgib l-istudenti. Ghalhekk huwa ma jistax jifhem kif l-attur qed jallega li gab din id-dar bhal *youth hostel* meta filfatt kellu erba' uliedu jghixu mieghu ghalkemm mhux b'mod permanenti u kellu wkoll l-istudenti li kienu bil-permess tal-attur. Peress li kien beda jgib l-istudenti mill-bidu tal-kirja, huwa cahad li l-attur ma geddidlux il-kirja minhabba dawn l-istudenti, imma ghax bintu riedet tibni penthouse fuq l-istess dar. L-attur kien qallu li kull ma kien ser isir kienet applikazzjoni mal-MEPA biex imbaghad ma jkunx hemm problemi wara. Kif sar jaf b'dan il-pjan, huwa beda jfittex xi mkien iehor fejn jghix peress li dak iz-zmien kellu l-erba' wliedu jghixu

mieghu. Filfatt huwa sab zewgt idjar vicin din id-dar li kien kera minghand l-attur u beda jirranghom flimkien ma' wliedu biex ikunu abitabbli.

Kif l-attur sar jaf b'dan huwa dahhalha f'mohhu li l-konvenut ma kienx ser jibqa' jghix hemm meta filfatt l-intenzjoni tal-konvenut kienet li jzomm il-'Brancote' ghalih sakemm jghidlu biex jitlaq. B'hekk huwa kellu rasu mistrieha li kellu post fejn imur wara 'Brancote'. Dak iz-zmien l-attur kien qed jizbogh id-dar kollha u jaghmel xoghlijiet li suppost kien ilu li ghamel xhur shah. Kif l-attur sar jaf li l-konvenut kien kera z-zewgt idjar, mat jghajjat kemm jiflah "issa nqieghdek" u "issa tara x'naghmillek" u kliem bhal dan b'ton ta' rabja. Filghaxija stess l-attur kien mar mal-habib tieghu l-Magistrat Dr T. Micallef Trigona u hu l-attur u tawh in-notice biex johrog. Il-konvenut qallu li Awissu 2012 kien kollu mhallas u ghalhekk in-notice kellu jibda fix-xahar ta' Settembru 2012. F'nofs Settembru 2012 l-attur mar u qallu li kellu tliet ijiem biex johrog mid-dar. Minhabba li kellu ftit zmien, halla fl-istess dar tliet bunk-beds, forn tal-gas li kien juza meta ma kienx jahdem il-forn tieghu u affarijiet ohra li ma kellux cans bizzejjed biex igorr.

Il-konvenut cempel lill-avukat habib tieghu u qallu biex johrog bil-kwiet u jevita l-problemi. Huwa cahad li kien hemm xi problemi biex jaghtih ic-cwievet tant li baghthom ma' wliedu. Izda meta dawn taw ic-cwievet lit-tifla tal-attur, din bdiet tghajjarhom "imtaten" u ghalhekk taw ic-cwievet u telqu 'l barra. Barra minn hekk, il-Pulizija marru d-dar tieghu pero' kienu marru ghalxejn ghax ic-cwievet kienu diga' nghataw lura. Il-Pulizija riedu wkoll li jmur jara l-post maghhom imma huwa ma riedx imur ghax ma' Anthony Wismayer kollox kien ssetiljat u ma riedx li jerga' jkun hemm xi episodju fejn bint l-attur tghajjar lill-uliedu.

Dwar il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, il-konvenut spjega li lill-attur kien kwazi bkielu biex idawwar l-arlogg fuq ismu. Dan ghax ma setghax jibbenefika minn tariffi u mill-fatt li kellu wliedu u l-istudenti jghixu mieghu huwa kellu kontijiet esagerati ghax il-konsum jidher fuq persuna wahda. Barra minn hekk kien hemm hsarat fid-dar li kienu qed iwasslu ghal hela ta' ilma kbir. Dan ghax l-attur ma riedx jibdel bocca tal-overflow tat-toilet bil-konsegwenza li kien qed johrog hafna ilma. Huwa sar jaf b'dan kollu meta gab plumber biex jiccekja kollox, tant li kien hu li sab dan id-difett li wassal ghal hela ta' 300 kubu ilma. Huwa jemmen li din il-hela saret minhabba t-traskuragni tal-attur u ghalhekk ma jhossx li ghandu jhallas tieghu hu.

Barra minn hekk peress li qatt ma kienu regghu ffirmaw il-kuntratt bejniethom, ihoss ukoll li minhabba l-fatt li Wismayer baqa' jwebbes rasu u ma dawwarx l-arlogg tad-dawl, huwa spicca f'sitwazzjoni fejn qed jigi mitlub ihallas kont li kieku kien jghajjat lilu, l-ammont kien ikun hafna anqas ghax kien jibbenefika mill-fatt li kellu wliedu mieghu u l-istudenti. Huwa sostna li mhux gust li jhallas ammonti esagerati ghad-dawl u tal-ilma ghax l-attur ma riedx jaqleb l-arlogg fuqu.

Dwar ix-xoghlijiet li l-attur isemmi fl-affidavit tieghu, il-konvenut qal li dan sar kollu bil-kunsens tal-attur. Filfatt kull ma sar hemm gew, dan sar bl-approvazzjoni tieghu. Desmond Falzon kien ikellmu kull meta kien imur jigbor il-kera u dejjem qallu biex jibqa' ghaddej bix-xoghlijiet. Huwa kien anke jkellmu fuq il-kulur tal-hitan. Huwa jiftakar li l-attur kien sab zebgha rhisa u qallu li kien ser jizbogh bil-kulur isfar. Tant kienet kerha z-zebgha li kien hemm li accetta. Ta' dan huwa ghandu x-xhieda lil uliedu u l-haddiema li kellu bzonn ghax dan id-diskors sar quddiemhom ukoll.

Il-konvenut qal li rigward l-ghamara l-attur stess qallu biex jarmi s-salott u z-zewg pultruni. Dan ghax kien ghadu kif gabhom minn appartament li kien biegh u b'hekk gab hafna ghamara ghandu. L-attur kien qallu li ma riedhomx u ghalhekk zammhom il-konvenut. Dan il-kliem sar fil-presenza ta' bintu Amber ghax kienet hadet hafna ritratti tal-post meta kien gie f'idejha.

Fl-ahhar nett huwa sostna li l-attur lanqas id-depozitu ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300) ma hallsu lura meta qallu biex jitlaq ghax il-ftehim kien li meta johrog minn hemm, jerga' jiehu s-somma lura.

In kontro-ezami nhar is-26 ta' Frar 2013 **Desmond Falzon** gie muri dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument B a fol 19 u qal li dan il-ftehim kien gie iffirmat minnu u mis-Sur Wismayer pero' in segwitu s-Sur Wismayer kien dawwar kollox fuq bintu. Kien jaf li meta ha l-kirja originali, il-meter ma kienx f'ismu. Damu jhallsu l-meter registrat fuq persuna wahda ghaliex il-meter ma kienx f'isimhom. Huwa dam jokkupa dan il-fond bhala nkwilin ghal ghaxar snin u dan abbazi tal-istess ftehim. Qal ukoll li s-Sur Wismayer kien zeba' d-dar kollha u effettivament veru li kien hemm xi kmamar bil-kulur u huma kienu xtraw iz-zebgha tal-kulur u s-sur Wismayer kien ha hsieb it-tibjid. Il-partitions ghamilhom hu bil-permess tas-sur Wismayer. Qal ukoll li qabel ma telaq kellu jnehhihom pero' peress li hu ma telaqx minn rajh izda gie mkecci ma kellux cans innehhihom. Huwa spjega li effettivament kellu hmistax-il jum biex johrog mill-post.

**Amber Wismayer** xehdet nhar is-26 ta’ Frar 2013 fejn esebiet numru ta’ ritratti li gew mehuda minnha, b’kollox esebiet tmienja u hamsin ritratt rigwardanti l-istat li kien jinsab fih il-fond 16, “Brancote”, Fuq il-Gonna, Swieqi meta hadu l-propjeta’ lura minghand Desmond Falzon. Dawn ir-ritratti gew mehuda minnha appena hareg l-imkwilin fl-istess jum. Dawn gew mmarkati komplessivament bhala Dokument AW.

**Keith Falzon** xehed nhar is-26 ta’ Frar 2013 u spjega li jigi bin il-konvenut Desmond Falzon. Spjega li missieru Desmond kien kera l-fond 16, “Brancote”, Fuq il-Gonna, Swieqi fis-sena 2004 minghand l-atturi, il-familja Wismayer. Qal li effettivament hu u ohtu kienu jghixu f’dan il-fond ma’ missierhom u tenna li fil-fatt kienu *host family* u ghalhekk kienu jgibu xi studenti jghixu maghhom. Stqarr li l-familja Wismayer kienet tathom il-permess. Huwa qal ukoll li kellhom il-permess biex jaghmlu dan mill-MTA. Qal li l-ghamara fil-fond kienet naqra antika, fil-fatt missieru kien xtara diversi ghamara, fosthom xi sodod sabiex ikun jista’ jakkomoda lill-istudenti, is-sur Wismayer kien accetta dan. Qal li s-Sur Wismayer kien jaghmel diversi *renovations* f’dan l-istess post. Fil-fatt fis-sajf ta’ 2012 is-sur Wismayer kien ghamel tlett xhur ibajjad. Missieru kellu zewgt itfal ohra jghixu mieghu, dawn kienu certu Daniel u Daikon u huwa kien ra post li kienet tikkonsisti f’villa maqsuma fi tnejn, u hu xtaq jghinhom sabiex jaghmlu bhalu u jkunu *host families*.

Fil-fatt kienu krewha u bdew jirrangawha u meta s-sur Wismayer ra hekk haseb li missieru kien ser jitlaq mill-post mikri lilu, cioe’ minn Villa Brancote. Fil-fatt kien irrabja u kien ta hmistax-il jum notice lill-missieru sabiex johrog mill-fond. F’dak il-perjodu kien joqghod f’dan l-istess post. Fil-fatt anke l-ID Card tieghu kienet registrata fuq il-fond Villa Brancote, Fuq il-Gonna, Swieqi. Jaf li missieru

kien ilu zmien jghid lis-sur Wismayer sabiex idawwar il-kont tad-dawl u l-ilma ghal fuqu u dan ghaliex ghandu dizabilita' u ghalhekk jikkwalifikaw ghas-sussidju, u dan ghaliex missieru xtaq ukoll li jiktbu l-ammont ta' persuni residenti fil-fond bhala numru akbar, pero' s-sur Wismayer ma kienx accetta li l-post jigi registrat fuq isimhom.

Qal li s-sur Wismayer kien isiefer hafna lejn l-Amerika u ghalhekk kull darba li kien ikun hemm xi problema kien jghidilhom li jaraha meta jirritorna. Fil-fatt kienu indikawlu wkoll li kien hemm toilet li kien qieghed jillikja u nfurmawh li kien qieghed jaghmel xi hoss, u jghid li minhabba f'hekk kien inhela hafna ilma.

Ikkonferma li meta s-sur Wismayer kien qalilhom biex jitilqu mil-post, fil-fond apparti hu kienu jghixu missieru, ohtu Esmeralda Falzon l-gharus taghha Etienne Roe, zewgt itfal tieghu Daniel u Daikon Borg, u qal ukoll li kien hemm xi erba' jew hames studenti. Qal li missieru tant telaq mghaggel mill-post li effettivament sahansitra anke kien halla xi affarijiet warajh.

Spjega li d-dar kienet abitabbli, u qal li meta wiehed igib l-istudenti qabel imorru d-dirigenti tal-iskejjel u li kieku d-dar ma kienetx sewwa ma kienux jaghtuhom permess sabiex izommu l-istudenti. Fil-fatt stqarr li kien halla xi purtieri u xi ghamara, u peress li l-purtieri kienu antiki, missieru kien jghid lis-sur Wismayer biex ibiddilhom, pero' hu qatt ma biddilhom, u fil-fatt tant kien xhih is-sur Wismayer li anke meta kienet tinqala xi problema, dan kien jmur u jirrangaha huwa stess. Fil-fatt l-attur, is-sur Wismayer kien dejjem jghidilhom li ghandu l-hbieb fosthom il-magistrat, sahansitra anke meta kien mar ikellimhom , kien mar flimkien u fil-kumpanija tal-Magistrat Micallef Trigona, u b'hekk huma kienu jhossuhom intimidati.

Muri r-ritratti esebiti f’dawn l-atti u mmarkati bhala dokument AW jaghraf li hemm il-kamra tas-sodda fejn kienu joqghodu l-istudenti, fejn hemm il-*bunk bed* il-blue huwa fejn kien jorqod missieru. Qal li jista jkun li kien hemm xi tkissir minhabba l-istudenti. Tenna li l-*bunk bed* il-blue kien xtraha missieru minghand l-*Art at Home*. Muri wkoll xi ritratt tal-kcina u ritratt tal-bitha u qal li fil-fatt mhux kull bitha hija mbajda. Jista’ jkun li fil-fatt, kif hemm fir-ritratt li kien ghad hemm xi mbarraz ukoll. Il-fatt hu li kellhom biss hmistax-il jum biss igorru l-affarijiet taghhom, ta’ ghaxar persuni. Effettivament kieku kellhom aktar zmien kienu jnaddfu l-post qabel ma jirrilaxaw il-fond. Mistoqsi jekk effettivament setghux kellhom xahar zmien biex johorgu mill-post qal li jista’ jkun li fil-fatt kien hemm xahar.

Huwa minnu li l-*bunk bed* il-blue li hallew warajhom kienet miksura pero’ naturalment kienet tista’ tissewwa u tittranga. Mistoqsi jekk kienx ra l-ftehim originali li kien iffirma missieru meta ha l-lokazzjoni, wiegeb li iva fil-fatt kien rah. Mistoqsi jekk huwiex minnu li huma hadu r-readings meta dahlu fil-fond, wiegeb li iva effettivament kien hadu r-readings, u kienu jafu wkoll li l-meter kien f’isem is-sur Wismayer. Huma xorta baqghu ghaddejin dejjem bl-istess meters tal-elettriku ghal tmin snin shah. Huma ma kellhomx problemi mas-sur Wismayer. Huwa minnu li huma ghamlu diversi partitions fid-dar, tal-gebel kif ukoll tal-injam. Pero’ dan kien bil-permess tas-sur Wismayer, u dan ghaliex kienu qalulu mill-ewwel li huma xtaqu jikru lill-istudenti. Is-sur Wismayer qalilhom ukoll li kellhom innehhuhom qabel ma jitilqu pero’ huma qatt ma telqu, izda gew imkeccija. Huwa minnu li huma bnew shed fil-gnien u bnew gallinar. Huwa kien prezenti meta s-Sur Wismayer qal lill-missieru li seta’ jnehhi s-sigra biex ipoggi l-gallinar, ghax missieru jrabbi l-*worms*. Huwa minnu li huma zebghu l-hitan tal-kmamar kuluri differenti. Fil-fatt hafna minnhom gew mizbugha mis-

sur Wismayer stess. Huwa minnu li meta s-sur Wismayer ghamel tlett xhur ibajjad, kien bajjad il-faccata ta' barra u dan kien fis-sajf tal-2012.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kawza u dan fis-seduta tad-9 ta' April 2014 fejn sahansitra anke awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma komplessiva ta' disat elef, mija u wiehed ewro (€9,101) rapprezentanti arretrati ta' kontijiet tad-dawl u ilma u hlas tal-metres tal-fond 16 'Brancote', Fuq il-Gonna, Swieqi SWQ 3522, mikri lilu u hsarat riskontrati fl-imsemmi fond u bilanc ta' kera tal-istess fond ghall-perjodu mill-1 sat-13 ta' Ottubru 2012. Illi fl-eccezzjonijiet tieghu l-konvenut jghid li l-ebda somma flus mhi dovuta u li kien jispetta lill-atturi jipprovaw l-ammont pretiz minhom u ghalhekk anke ikkontesta l-ammont per se.

*Illi kif intqal fis-sentenza '**Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino'**, (Appell Kummercjali 25 ta' Frar 1952) mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kummercjali:*

*"hu elementari fl-amministrazzjoni tal-gustizzja l-principju hekk enuncjat mill-Powell On Evidence (p.487): In the administration of justice, as in ordinary life,*

*we have often to deal with competitive 'probabilities'. The tribunal must not look for more than what is called 'a moral certainty' ...*

*The whole object of evidence is to create a conviction on the mind of a reasonable and practical man; and such conviction must be based upon the facts proved by express evidence and on the inferences which naturally and probably arise from them."*

Illi hekk ukoll kif qalet din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta fis-sentenza '**Alexander Boiciuc vs Joseph Cardona ezercenti fil-kummerc bhala JC Real Estate'** (Avviz Numru 260/2009 CSH – 04/07/2012):

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju m'huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet... Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (Vide '***George Bugeja vs Joseph Meilak'** *deciza 30 t'Ottubru 2003 PA)."*

Fis-sentenza moghtija fis-17 ta’ Marzu 2003 mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet ‘**<u>Enrico Camilleri vs Martin Borg’</u>** gie ritenut li:

*“Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hija bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet.*

*Il-Qorti allura jehtiegilha tara jekk il-versjoni l-wahda ghandhiex teskludi lill-ohra fuq il-bilanc tal-probabilitajiet. B'hekk ukoll jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifugju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

*Meta zewg verzjonijiet kapaci jitqiesu plawsibbli u veritiera u ma jkunx jista' jinghad li tirrizulta dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra, f'tali sitwazzjoni ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabilitajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu. Actor non probante, reus absolvitur.*

*F'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment ma hux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara b'tort tal-attur); dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident jkun tal-attur, imma sempliciment ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu”.*

Waqt li fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **<u>'Joseph Said Ltd. (C5857) vs Vincent Galea'</u>** nhar is-27 ta' Jannar 2001 gie ritenut li:-

*"Hawn ovvjament f'dan il-binarju l-oneru ta' prova dwar l-istess allegazzjonijiet tal-konvenut ta' pagament jinkombi fuqu tenut kont tal-principju generali li min jallega jrid jipprova.*

*Fid-dubbju u fin-nuqqas tar-ricevuti kollha ghandha tipprevali l-presunzjoni li d-dejn ma thallasx kollu jekk ma jigix pruvat b'mezzi ohra li l-kreditur huwa sodisfatt **("<u>Desmond Mizzi nomine vs Patrick Filletti pro. et nomine</u>"** - A.C. 28 ta' Jannar 2000)".*

Issa fil-kaz in ezami l-attur fl-affidavit tieghu jispjega li huwa kien kera l-fond 'Brancote', Upper Gardens, San Giljan '*fully furnished*' lill-konvenut Desmond Falzon originarjament ghall-perjodu ta' sena u dan skond skrittura datata 13 ta' Novembru, 2004 ezebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. B (fol. 19) u dan versu l-kondizzjonijiet hemm imsemmija u fl-gheluq is-sena l-konvenut xtaq li jgedded din il-kirja u din baqghet tiggedded sena wara sena taht l-istess kundizzjonijiet. Jghid li l-fond kien f'kundizzjoni tajba kif del resto anke jirrizulta mir-rapport imhejji mill-Perit Godwin P Abela esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. C (fol. 21). Jghid li in segwitu xi zmien wara l-konvenut kien talbu permess jekk setax idahhal xi studenti fil-fond u huwa kien tah il-permess purche' izomm il-fond f'kundizzjoni tajba, izda maz-zmien u cioe' fis-sena 2011 induna li l-fond kien spicca qisu burdell u nzamm fi stat hazin hafna u ghalhekk iddecieda li jittermina l-kirja vigenti u dan fit-13 ta' Ottubru 2013 meta ottjena lura c-cwievet.

Jghid li l-fond hadu lura f'kundizzjoni hazina hafna kif del resto jirrizulta ampjament car mir-ritratti esebiti mill-attrici l-Perita Amber Wismayer billi kien hemm ghamara miksura, hitan mizbughin kull kulur, hmieg, hitan divizorji zejda u xi platform tal-konkos u hsarat. Ikkonferma wkoll li sab kont pendenti mal-ARMS services fl-ammont ta' € 4,442.68 kif jirrizulta mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. D (fol. 23). Spjega li nefaq is-somma ta' erba' mija u tlettax-il ewro (€413) ghat-tnehhija tal-hitan divizorji kif irrizulta mid-dokument immarkat bhal Dok. F esebit fl-atti (fol 25) u s-somma ta' sittin ewro (€60) ghal kiri ta' skip kif irrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok. E esebit fl-atti (fol 25). Huwa spejga wkoll li nefaq is-somma ta' tlett elef, disa' mija u hamsa u erbghin ewro (€3,945) kif jidher mic-certfikat rilaxxjat mill-Perit Godwin P. Abela mmarkat bhala Dok. G (fol.26). Jghid ukoll li l-konvenut kien ghad fadallu jhallsu kera ta' tlettax-il jum u cioe' mill-ahhar ta' Settembru 2012 sat-13 ta' Ottubru 2012 fl-ammont ta' mitejn u disgha u disghin ewro (€299). B'kollox ghalhekk ikkonferma li dawn il-figuri jammontaw ghas-somma mitluba minnu fir-rikors promotur u cioe' ghas-somma ta' disat elef, mija u wiehed ewro (€ 9,101).

L-attur ressaq lil Audrey Ellul rappresentanta tal-ARMS Limited tixhed u tikkonferma li hemm arretrati fis-somma ta' erbat elef, hames mija u disghin ewro u disgha u ghoxrin centezmi (€4,590.29) u kkonfermat li kien ilu ma jsir pagament fuq dan il-kont sa mit-2 ta' April 2012 u cioe' minn meta l-fond kien ghadu okkupat mill-konvenut. Tghid li dan l-ammont jirrapprezenta kemm il-konsum kif ukoll il-kirjiet ta' l-istess meter.

Xehed ukoll il-Perit Godwin Abela li kkonferma z-zewg rapporti mhejja minnu l-ewwel wiehed datat 24 ta' Awwissu 2009 li huwa *conditional report* li hejja meta kien ispezzjona l-fond qabel ma bdew ix-xoghlijiet fil-fond adjacenti u t-tieni

wiehed huwa datat 18 ta' Dicembru 2012 li jirrifletti x-xoghlijiet riparatorji li saru fil-fond mertu tal-kawza fix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2012.

Il-Perita Amber Wismayer tikkonferma dak li qal missierha u tikkonferma li hija stess kienet marret taghmel spezzjoni fil-fond u kkonfermat li verament kien hemm hafna hsarat fil-fond meta giet terminata l-kirja ghalkemm ikkonfermat li ma kienitx prezenti meta saret il-kirja originali.

Il-konvenut minn naha tieghu jikkonferma li kien kera l-fond minghand l-atturi ghal perjodu ta' sena u li kien gedded din l-istess kirja minn sena ghal sena. Qal li huwa minnu li maz-zmien kien idahhal l-istudenti jghixu fil-fond flimkien mieghu u ma' uliedu. Qal li kien ghamel xi xoghol fil-fond fosthom twahhil u xiri ta' xi bibien tal-kmamar li kien hemm nieqsa u xi hjata ta' purtieri. Jghid li kellu xi hsarat fl-appliances u l-attur kien dam sabiex isewwilu l-hsarat u maz- zmien kellu wkoll xi hsarat ohra pero' dan nonostante baqa jghix fil-fond u beda jiehu hsieb li jaghmel it-tiswijiet hu stess. Qal li l-attur kien jghaddi hafna zmien barra minn Malta u meta suppost kien jghamillu xi xoghol kien idum hafna u kien hemm okkazjonijiet meta kien jghamel ix-xoghol hu stess. Jghid li kien jaf li l-meter kien f'isem l-attur meta kera l-fond u li kien ser jibqa' hekk kif sahanstra jirrizulta mill-iskrittura ffirmata bejnu u l-attur pero' ma hassx li din kienet kwistjoni gusta ghaliex kieku kien registrat f'ismu kien jiehu xi rebates – haga li ma hax minhabba l-agir tal-attur. Jghid li huwa ghandu jiehu xi kreditu minghand l-attur fosthom rimbors tal-ispejjez li hareg hu kif ukoll id-deposit li kien hallas l-attur fil-bidu tal-kirja. Dan nonostante pero' l-konvenut ma pprezenta l-ebda kontro-talba f'dan ir-rigward izda fl-eccezzjonijiet cahad li kellu jaghti xi flus lill-attur u kkontesta wkoll il-quantum ta' dak mitlub mill-atturi.

Il-Qorti rat l-iskrittura ffirmata mill-partijiet u jirrizulta li l-partijiet kienu ftehmu li l-meter (tal-ARMS) kien ser jibqa’ registrat f’isem l-attur u li l-konvenut kien responsabbli ghall-hlas tal-uzu u konsum tieghu. Il-konvenut ma ressaq l-ebda xhud jew prova sabiex jikkonstesta l-ammonti mitluba mill-attur u cioe’ li huwa fil-fatt nefaq sittin ewro (€60) ghall-kiri ta’ skip, jew li nefaq is-somma ta’ erba mija u tlettax-il ewro (€413) sabiex nehha l-hitan divizorji, jew li hallas is-somma ta’ tlett elef, disa’ mija u hamsa u erbghin ewro (€3,945) ghax-xoghol riparatorju li sar fil-fond fix-xhur ta’ Novembru u Dicembru 2012 kif indikat fid-Dok G (fol. 26). Dwar il-kont tal-ARMS ma hemmx wisq x’jinghad ghaliex dan sahansitra anke gie kkonfermat minn rapprezentant tal-ARMS.

Illi ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenut huwa debitur tieghu fl-ammont mitlub minnu fir-rikors promotur u **ghalhekk din il-Qorti qed tilqa’ t-talba tal-atturi b’dan illi qed tichad l-ecezzjonijiet tal-konvenut u tilqa’ t-talba tal-atturi u tikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma mitluba minnhom fl-ammont ta’ disat elef, mija u wiehed ewro (€9,101).**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Ottubru 2012 u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 2922/2012 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz a karigu tal-konvenut.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------